# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 16**

**Rikors numru 430/2019/1 JVC**

**Christopher Sciberras**

**v.**

**Joshua Cilia, Matthew Cilia u Stephanie Schembri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Christopher Sciberras kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Novembru, 2023, fejn din: (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti; (ii) laqgħet it-talbiet kollha tal-attur ħlief ir-raba' u s-seba' talba tiegħu; (iii) ordnat lill-konvenuti sabiex fi żmien xahar jagħtu aċċess lill-attur fuq il-bejt tagħhom biex dan ikun jista' jerġa' jwaħħal żewġ tankijiet, il-wajer tat-televixin u l-wajer tal-kumpressur tal-arja kundizzjonata u biex jibqgħu jagħtuh aċċess ħieles għall-bejt tagħhom

kull meta tkun meħtieġa l-manutenzjoni ta' dawn is-servizzi; (iv) awtorizzat lill-attur biex fil-każ li l-konvenuti jonqsu milli jwettqu dak ordnat lilhom, jagħmel ix-xogħlijiet imsemmija huwa stess taħt l-indukrar tal-Perit Valerio Schembri; u (v) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża u l-ispejjeż marbuta mat-twaħħil mill-ġdid tal-wajers jitħallsu mill-konvenuti, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mat-twaħħil mill-ġdid tat-tankijiet jitħallsu mill-attur.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-3 ta' Mejju, 2019, l-attur Christopher Sciberras fisser li huwa sid tal-appartament internament immarkat bin-numru 1, f'korp ta' bini bin-numru uffiċjali 12 u bl-isem "Destiny" fi Triq Oscar Zammit fil-Ħamrun, bid-drittijiet u l-pertinenzi tiegħu kollha, fosthom sehem mhux maqsum tal-partijiet komuni ta' dan il-bini, jiġifieri d-daħla, it-tromba tat-taraġ u t-taraġ sal-bejt. Spjega wkoll li l-konvenuti huma sidien tal-appartament immarkat bin-numru 2, li jinsab fl-istess korp ta' bini, ta' sehem mhux maqsum tal-partijiet komuni fuq imsemmija u kif ukoll tal-arja ta' dan l-appartament. Huwa tenna li fil-kuntratt tal-akkwist tal-konvenuti hemm imniżżel li l-appartament tiegħu jgawdi mill-jedd li jkollu tank tal-ilma, *solar water heater*, *aerial* u dixx tas-satellita ta' daqs domestiku u *airconditiong unit* fuq il-bejt tal-imsemmi korp ta' bini, u kif ukoll il-jedd ta' aċċess fuq l-istess bejt meta jkun hemm ħtieġa ta' manutenzjoni ta' dawn is-servizzi.

3. L-attur fisser li kemm hu hekk, sa minn meta akkwista l-appartament tiegħu, jiġifieri għal dawn l-aħħar għoxrin sena, huwa dejjem kellu żewġ tankijiet tal-ilma installati fuq il-bejt u qatt ma kellu problemi biex jitla' fuq il-bejt u jwettaq il-manutenzjoni fuqhom. Madankollu, skont l-attur, dawn it-tankijiet nqalgħu minn posthom b'mod abbużiv, illegali u klandestin, bil-konsegwenza li wieħed minnhom tħalla jaqa' għoli ta' tliet sulari għal fuq il-bitħa tal-attur filwaqt li l-ieħor tħalla mdendel mal-opramorta tal-binja. Żied jgħid li dan wassal biex huwa safa' mingħajr provvista tal-ilma ġewwa r-residenza tiegħu fejn jgħix ma' martu u ma' ibnu minuri u li minkejja li huwa talab l-għajnuna tal-Pulizija Eżekuttiva, il-konvenuti rrifjutaw li jagħtuh aċċess għall-bejt biex jerġa' jqabbad it-tankijiet tal-ilma mas-sistema tal-ilma li għandu fl-appartament tiegħu.

4. Huwa ssokta jispjega li fl-aħħar jiem ta' April tas-sena 2019, b'mod klandestin, vjolenti u abbużiv, il-konvenuti qatgħu l-wajer tat-televixin u kif ukoll is-sistema tal-arja kundizzjonata, li kienu jinsabu fuq il-bejt tal-korp ta' bini inkwistjoni u kienu jservu l-appartament tiegħu. Dawn l-azzjonijiet, skont l-attur, kienu l-aħħar minn sensiela ta' vendikazzjonijiet li l-konvenuti wettqu kontrih. Għalhekk huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrent meta ċaħħduh, ostakolawh u naqqsulu il-pussess u t-tgawdija tad-dritt ta' aċċess li*

*huwa għandu għal fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny, ġewwa Triq Oscar Zammit, il-Ħamrun;*

*ii. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrent meta ċaħħduh, ostakolawh u naqqsulu l-pussess u t-tgawdija tat-tankijiet tal-ilma li kellu installati fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Zammit, il-Ħamrun;*

*iii. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex, entro terminu qasir u perentorju minnha prefiss, jirreintegraw lir-rikorrent fil-pussess u fit-tgawdija li kellu qabel l-abbużi suġġetti ta' din l-azzjoni, ossia billi jagħtu lir-rikorrent aċċess sħiħ għal fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Zammit, il-Ħamrun u dan sabiex ikun jista' jinstalla mill-ġdid it-tankijiet tal-ilma u jqabbad l-istess mas-sistemi tal-ilma li jservu l-fond residenzjali tiegħu, u dan ai termini tal-atti pubbliċi rispettivi tal-partijiet suriferiti, okkorrendo prevja l-opera ta' periti nominandi;*

*iv. Tordna u tinibixxi lill-intimati jew min minnhom milli jerġgħu jiddeprivaw lir-rikorrent mill-pussess u t-tgawdija tad-dritt ta' aċċess li huwa għandu għal fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Zammit, il-Ħamrun u tad-dritt li jinstalla t-tankijiet tal-ilma u jqabbad l-istess mas-sistemi tal-ilma li jservu l-fond residenzjali tiegħu, u dan ai termini tal-atti pubbliċi rispettivi tal-partijiet suriferiti;*

*v. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrent meta ċaħħduh, ostakolawh u naqqsulu il-pussess u t-tgawdija tal-wire tat-television u tas-sistemi tal-arja kundizzjonata li huwa kellu fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Zammit, il-Ħamrun, u li kienu jservu l-fond residenzjali tiegħu ossia l-flat, internament immarkat bin-numru wieħed (1), f'korp bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Zammit, il-Ħamrun;*

*vi. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex, entro terminu qasir u perentorju minnha prefiss, jirreintegraw lir-rikorrent fil-pussess u fit-tgawdija li kellu qabel l-abbużi suġġetti ta' din l-azzjoni, ossia billi jerġgħu jagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex il-wire tat-television u s-sistemi tal-arja kundizzjonata tar-rikorrent jerġgħu jservu l-fond residenzjali tar-rikorrent ossia l-flat, internament immarkat bin-numru wieħed (1), f'korp bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Zammit, il-Ħamrun, u dan bl-istess mod u fl-istess qies li kienu hekk jagħmlu qabel l-abbużi mertu ta' din l-azzjoni;*

*vii. Tordna u tinibixxi lill-intimati jew min minnhom milli jerġgħu jiddeprivaw lir-rikorrent mill-pussess u t-tgawdija li huwa għandu tal-wire tat-television u tas-sistemi tal-arja kundizzjonata installati fuq il-*

*bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Zammit, il-Ħamrun, u dan ai termini tal-atti pubbliċi rispettivi tal-partijiet suriferiti;*

*viii. Tawtorizza lir-rikorrent sabiex, fl-eventwalità li l-intimati jew min minnhom jonqsu milli jottemporaw ruħhom mal-ordni għar-reintegrazzjoni tar-rikorrent fil-pussess u tgawdija tiegħu fit-termini lilhom prefiss, l-istess rikorrent jaċċedi għal fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Zammit, il-Ħamrun sabiex jeżegwixxi u jagħmel l-atti jew ix-xogħlijiet kollha neċessarji u rimedjali għall-fini tat-talbiet kollha, okkorrendo taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi u bl-għajnuna tal-Pulizija u Marixxalli tal-Qorti, u dan a spejjeż tal-intimati jew min minnhom;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li qiegħdin sa minn issa jiġu nġunti in subizzjoni, u b' riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent skont il-Liġi.»*

5. Il-konvenuti Joshua Cilia, Matthew Cilia u Stephanie Schembri wieġbu għar-rikors tal-attur fit-2 ta' Lulju, 2019, u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi l-esponenti ma kkommettew l-ebda spoll billi kif ser jiġi spjegat tul it-trattazzjoni tal-kawża huma ma neħħew l-ebda installazzjonijiet appartenenti lill-attur.*

*2. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess l-attur irid jipprova li jissussistu l-elementi tal-ispoll minnu allegat inkluż ukoll li l-azzjoni inbdiet fi żmien xahrejn mill-allegat spoll.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.»*

6. B'sentenza tat-30 ta' Novembru, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'dan il-mod:

*«1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati.*

*2) Tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent b'esklużjoni tar-raba' u s-seba' talba.*

*3) Ai fini tat-tielet u sitt talba tar-rikorrent il-Qorti timponi terminu ta' massimu xahar fuq l-intimati sabiex jagħtu aċċess lir-rikorrent sabiex ikun jista' jerġa' jwaħħal iż-żewġ tankijiet, il-wajer tat-televizjoni u l-*

*wajer tad-dawl tal-kompressur b'dana li dawn jerġgħu jibdew iservu r-residenza tar-rikorrent kif kienu qabel, b'dana iżda li dawn is-servizzi għandhom jitpoġġew f'post fejn jiġi ndikat lilu mill-intimati bħala sidien tal-bejt inkwistjoni, filwaqt li kwalunkwe servizz li jeħtieġ li jinżel 'l isfel mill-bejt għar-residenza tar-rikorrent għandu mill-bejt jgħaddi għall-ġewwa x-xaft komuni jew terazzin. L-intimati għandhom jibqgħu jagħtu aċċess lir-rikorrent għal dawn is-servizzi kull meta dan ikun meħtieġ għall-manutenzjoni tagħhom. Is-servizzi għandhom jibqgħu fil-post fejn jitpoġġew sakemm ma jkunx hemm ordni oħra diversa mill-Qorti fil-kawża petitorja bejn il-partijiet.*

*4) Ai fini tat-tmien talba, f'każ li l-intimati jonqsu milli jagħmlu dak ordnat lilhom fiż-żmien xahar impost fil-paragrafu suespost il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaċċedu fuq il-bejt inkwistjoni biex ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħlijiet kif deskritti u ordnati fil-paragrafu 3 preċedenti, b'dana li f'każ li l-intimati ma jindikawx fejn għandhom jeħlu dawn is-servizzi, qed jiġi nominat il-Perit Valerio Schembri sabiex a spejjeż tal-intimati jaċċedi fuq il-post, jindika fejn dawn għandhom jeħlu u jsegwi l-proċess ta' reintegrazzjoni u installar u jirrelata lura lil din il-Qorti.*

*Bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontra l-intimati, l-ispejjeż sabiex jerġgħu jiġu installi l-wajers ukoll a spejjeż tal-intimati filwaqt li l-ispejjeż sabiex jerġgħu jitwaħħlu t-tankijiet għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti stess.»*

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«Illi ma hemmx dubju li fl-atti odjerni, partikolarment ir-rikorrent, ressaq bosta provi li jmorru ben oltre l-allegat spoll li kellu jiġi ppruvat fil-każ odjern b'dana li l-każ spiċċa twal ħafna inutilment meta s-sitwazzjoni tar-rikorrenti li jinsabu mingħajr servizz adegwat ta' ilma, misħun u servizzi kienet tirrikjedi li l-kawża tinqata' ferm qabel.*

*Illi l-Qorti wara li għamlet referenza għall-provi kollha fl-atti ser tagħmel referenza għal dawk il-provi l-aktar rilevanti sabiex jgħinuha tasal għall-konklużjoni jekk l-ispoll allegat ġiex debitament ppruvat kif trid il-liġi.*

*Pussess:-*

*Illi dwar il-pussess kemm taż-żewġ tankijiet inkwistjoni, il-wajer tat-televiżjoni u wkoll il-wajer tal-kumpressur fuq il-bejt illum proprjetà tal-intimati ġie ppruvat fl-atti li dawn kien ilhom fuq il-bejt inkwistjoni għal aktar minn għoxrin (20) sena u li r-rikorrent qatt ma kellu problema sabiex jaċċedi għalihom tramite l-appartament li sa sentejn qabel il-kawża kien ta' ħuh u t-taraġ intern li jwassal għall-bejt u dan kull meta*

*kellu bżonn iwaħħal jew jagħmel manutenzjoni lil dawn is-servizzi. Jirriżulta wkoll li sad-data tal-11 ta' Marzu, 2019, għalkemm id-diżgwid bejn il-partijiet kien ġa beda, almenu, dwar iż-żewġ tankijiet tal-ilma, il-wajer tat-televiżjoni li jwassal is-servizz tal-'GO' u l-kumpressur tal-airconditioner ma jidhirx li kien għadu li nqala' xi battibekk. Fil-fatt l-ittri interpellattorji msemmija aktar 'l fuq, li waħda minnhom hija datata ftit ġimghat qabel l-ewwel allegat spoll (Jannar 2019) ma jsemmu xejn dwar dawn it-tliet servizzi installati fuq il-bejt. L-istess intimat in kontroeżami jikkonferma li sa qabel il-11 ta' Marzu, 2019 ir-rikorrent ma kien kellmu xejn fuqhom.*

*Illi l-Qorti rat li l-pussess tar-rikorrent fuq dawn it-tliet servizzi nstallati fuq il-bejt ġie kkonfermat minnu stess, minn martu Sonia Sciberras, ħu martu Aldo Bonello kif ukoll minn ħuh Kevin Sciberras li lkoll xehdu fl-atti odjerni.*

*Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li l-element tal-pussess da parti tar-rikorrent ġie debitament ppruvat ai fini tal-proċeduri odjerni.*

*Spoliatum fuisse:*

*Illi f'dan ir-rigward il-Qorti trid tiddistingwi bejn tliet oġġetti allegatament spoljati ċjoè: (i) it-tankijiet tal-ilma, (ii) il-wajer tat-televiżjoni u (iii) il-wajer tal-kompressur tal-airconditioner.*

*(i) Illi dwar it-tankijiet jirriżulta li dawn waqgħu jew twaqqgħu minn posthom fil-ħin ta' bil-lejl bejn il-11 ta' Marzu, 2019 u t-12 ta' Marzu, 2019 u dan madwar il-ħdax ta' bil-lejl. Irriżulta ppruvat li dakinhar bil-lejl kien qam pjuttost ir-riħ tant li kien forza 7. Ir-rikorrent isostni li huwa sema' xi passi u f'daqqa waħda sema' 'boom' u sab tank minnhom imwaqqa' mdendel għal ġewwa x-xaft tiegħu. Iżid li kien l-għada li skopra li l-ieħor ukoll kien waqa' iżda fuq in-naħa tal-proprjetà tal-intimati. Dwar dan l-inċident sar rapport mill-ewwel mal-pulizija.*

*Illi meta r-rikorrent ġie mistoqsi kif jaf li kienu l-intimati li waqqgħulu t-tankijiet u mhux ir-riħ jgħid għaliex sema' l-passi fl-appartament ta' fuqu u ftit wara l-istorbju tat-tankijiet jaqgħu. Martu iżda fix-xhieda tagħha ċaħdet li hi semgħet xi passi u qalet li ma jistgħux jinstemgħu għaliex hemm żewġ sulari. Mistoqsi iżda jekk iċċekkjax il-kameras biex jara x'kien fihom in vista li l-intimati ma jgħixux hemm jirrispondi li ma kellux għalfejn għaliex ma kienx sema' l-bieb ta' barra tal-blokka jinfetaħ. Il-Qorti tqis din ix-xhieda tar-rikorrent pjuttost kontradittorja għaliex kif setgħu l-intimati li ma joqogħdux hemm iwaqqgħu volontarjament it-tankijiet mingħajr ma jidħlu mill-bieb ta' barra tal-blokka sabiex jagħmlu dan? Il-Qorti tqis ukoll li huwa inverosimili li l-intimati qabbdu lil xi inkwilin minn tagħhom biex jaqilbu t-tankijiet minflokhom. Għall-kuntrarju ta' dak li sostna r-rikorrent, il-Qorti tqis li l-filmati tal-kamera kienu prova importanti ħafna għall-każ odjern sabiex se mai isaħħu l-allegazzjoni tar-rikorrent li kienu l-intimati li*

*waqqgħu it-tankijiet iżda r-rikorrent għażel li jeskludi din il-prova. Il-Qorti temmen li r-rikorrent ra x'kien hemm fuq il-kamera u xħin ra li ma kien hemm xejn iddeċieda li ma jressaqx dawn il-filmati bħala prova. Illi in oltre, għalkemm huwa ferm suspettuż li t-tankijiet waqgħu dak il-lejl stess li kien hemm is-smigħ tal-mandat, għandu jingħad li dakinhar, il-mandat ma ġiex deċiż. In oltre l-Qorti żżid li l-fattur tar-riħ xejn ma jimmilita favur it-teżi tar-rikorrent li t-tankijiet waqqgħuhom l-intimati. Il-Qorti tinnota wkoll wara li rat il-pożizzjoni li spiċċa fih it-tank li ddendel għal fuq il-bitħa tar-rikorrent u baqa' mwaħħal ma' xi pajpijiet tiegħu stess, illi din aktar tevidenzja li verament it-tankijiet inqalbu bir-riħ u mhux għaliex ġew imbuttati. Il-Qorti wkoll tistaqsi x'interess seta' kellhom l-intimati li wieħed mit-tankijiet jimbuttawh lejn il-proprjetà tagħhom stess u jagħmlu l-ħsara lill-proprjetà tagħhom stess. Il-Qorti għalhekk tqis li l-fatt li t-tankijiet waqgħu kien riżultat ta' fatturi oħra u mhux ta' xi aġir tal-intimat.*

*Illi l-Qorti żżid iżda li għalkemm ma waslitx għall-konkluzjoni li t-tankijiet waqqgħuhom volontarjament l-intimati, jirriżulta li l-intimati rrifjutaw l-aċċess lir-rikorrent sabiex ikun jista' jitla' jsewwi tali tankijiet u huwa f'dan il-mument li għandu jitqies li r-rikorrent ġie spoljat mill-pussess tiegħu għat-tgawdija tal-użu tas-servizz ta' żewġ tankijiet tal-ilma li kienu nstallati fuq it-turretta fuq il-bejt. Ir-rikorrent xehed li huwa kien mar mal-ħaddiem il-ġurnata tal-Ġimgħa wara li waqgħu t-tankijiet b'dana li allura dan seħħ nhar il-15 ta' Ġunju, 2019, fejn anki sar rapport mal-pulizija dwar dan. Huwa fil-mument li ġie rifjutat l-aċċess lir-rikorrent mill-intimati sabiex ikun jista' jaċċedi u jsewwi t-tankijiet, li l-intimati għandhom jitqiesu li nnegaw lir-rikorrent mill-pussess ta' ħwejġu b'dana allura li dan l-element huwa ppruvat għal dak li huwa t-tankijiet b'effett mill-15 ta' Ġunju, 2019.*

*(ii) u (iii) Illi dwar il-wajer tat-televiżjoni u l-wajer tal-kompressur jirriżulta mir-rapport li sar mal-Pulizija u li jġib id-dati tas-27 u tat-28 ta' April, 2019 (fol. 323 tal-proċess) li r-rikorrent jallega li nhar is-27 ta' April, 2019 ġie mqaċċat il-wajer tat-televiżjoni. L-għada 28 ta' April, 2019 skont l-istess rapport l-intimati Joshua u Matthew Cilia ammettew li kienu qed inaddfu l-affarijiet minn fuq il-bejt tar-residenza proprjetà tagħhom u li fost affarijiet li naddfu kien hemm xi wajers. Fix-xhieda tiegħu l-intimat Matthew Cilia jammetti li kienu huma li qaċċtu l-wajer iżda għaliex ħasbuh li kien tagħhom u mhux għax indunaw li kien tar-rikorrent.*

*Dwar il-kompressur ir-rapport da parti tar-rikorrent sar nhar it-28 ta' April, 2019 u tista' tgħid l-intimati dakinhar stess ġa kienu ammettew fil-verżjoni tagħhom mal-Pulizija li kienu missew fost oħrajn żewġ airconditions antiki. L-intimat Matthew Cilia fix-xhieda tiegħu ammetta wkoll li kienu huma li neħħew il-wajer li jwassal għall-kumpressur tar-rikorrent iżda jsostni li għal darb'oħra ma kienx jaf li huwa tar-rikorrent għaliex kien għaddej mill-ħajt proprjetà tal-intimati u kien biss meta bdew ineħħu l-kontrabejt li saru jafu li dan kien iwassal għall-kumpressur tar-rikorrent. Il-Qorti iżda tinnota l-enfasi li l-intimat*

*għamel waqt ix-xhieda fuq il-punt li l-wajer tar-rikorrent qatt ma kellu jkun għaddej minn ħajt proprjetà tiegħu għalhekk issibha diffiċli li temmen li l-intimati ma ndunawx li l-wajer ma kienx tagħhom u għal xiex kien iwassal anzi malli raw li kien għaddieh ir-rikorrent aktar u aktar qabdu u qaċċtuh.*

*Illi fi kwalunkwe każ, indunaw jew ma ndunawx ta' min kienu s-servizzi li kien qed ineħħu, l-intimati rrendew ruħhom ħatja tal-ispoliatum fuisse fil-mument li għal darb'oħra ma ħallewx lir-rikorrent jaċċedi għal fuq il-bejt fejn hemm is-servizzi sabiex ikun jista' jirripristina l-istess. Għalhekk il-Qorti tqis li anki fil-każ ta' dawn is-servizzi l-element tal-ispoliatum fuisse ġie sodisfatt da parti tar-rikorrent kif iżda spjegat minn din il-Qorti.*

*Infra bimestre deduxisse:-*

*Illi d-dati tal-allegati spoll huma pjuttost ċari mill-provi fl-atti, nhar il-11 ta' Marzu, 2019 għal dak li huma tankijiet filwaqt li iżda l-aċċess ġie negat nhar il-15 ta' Marzu, 2019 (data li din il-Qorti ddeċidiet li seħħ l-ispoll dwar it-tankijiet), għal dak li huwa wajer tat-televizjoni id-data hija dik tas-27 ta' April, 2019 u l-wajer kumpressur id-data hija dik tat-28 ta' April, 2019. Il-każ odjern ġie ppreżentat nhar it-3 ta' Mejju, 2019 għalhekk id-dati kollha jaqgħu entro t-terminu tax-xahrejn impost mil-liġi b'dana li allura anki dan l-element huwa sodisfatt.*

***Rimedju:***

*Illi jirriżulta li permezz tal-azzjonijiet spoljattivi ppruvati kif dikjarati aktar 'il fuq minn din il-Qorti, ir-rikorrent ġie spussessat mis-servizz ta' żewġ tankijiet tal-ilma li minn fuq il-bejt iwasslu l-ilma għar-residenza tiegħu u wkoll mis-servizz tat-televiżjoni jew stante li ġie maqtugħ il-wajer li wkoll kien jgħaddi minn fuq il-bejt u mill-kumpressur tal-airconditioner li l-kompressur tiegħu ma baqax jaħdem għaliex ġie maqtugħ il-wajer tad-dawl tiegħu. Il-Qorti rat mill-verbali u min-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent li hu qed jippretendi li din il-Qorti tordna li dawn is-servizzi jerġgħu jeħlu eżatt fejn kienu iżda f'każ li l-Qorti tagħmel hekk allura tkun qed tidħol fil-parametri tal-kawża petitorja pendenti bejn il-partijiet u din il-Qorti mhijiex ser tħalli li tiġi wżata b'dan il-mod. Għaldaqstant ai fini ta' reintegrazzjoni status quo ante l-Qorti ser tordna li l-intimati, fi żmien massimu ta' xahar, jagħtu aċċess lir-rikorrent sabiex ikun jista' jerġa' jwaħħal iż-żewġ tankijiet, il-wajer tat-televizjoni u l-wajer tad-dawl tal-kompressur b'dana li dawn jerġgħu jservu r-residenza tar-rikorrent kif kienu qabel, b'dana iżda li dawn is-servizzi għandhom jitpoġġew f'post fejn jiġi ndikat lilu mill-intimati bħala sidien tal-bejt inkwistjoni, filwaqt li kwalunkwe servizz li jeħtieġ li jinżel 'l isfel mill-bejt għar-residenza tar-rikorrent għandu mill-bejt jgħaddi għall-ġewwa x-xaft komuni jew terrazzin, dan kif anki verbalizzat bi qbil bejn il-partijiet fl-atti. L-intimati għandhom jibqgħu jagħtu aċċess liberu lir-rikorrent għal dawn is-servizzi kull meta dan ikun meħtieġ għall-manutenzjoni tagħhom. Is-servizzi għandhom*

*jibqgħu fil-post fejn jitpoġġew sakemm ma jkunx hemm ordni oħra diversa mill-Qorti.*

*Illi l-Qorti rat ukoll li r-raba' u s-seba' talba tar-rikorrent, fejn qed jitlob li din il-Qorti tinibixxi b'mod indefinit lill-intimati milli jagħmlu xi azzjonijiet, tqis li dan ir-rimedju provdut fil-liġi huwa wieħed kawtelatorju u għalhekk ma jistax jitressaq bħala parti minn rimedju permanenti kif mitlub mir-rikorrent. Għal din ir-raġuni l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad dawn iż-żewġ talbiet.*

*Illi l-Qorti rat ukoll li l-intimati diversi drabi fl-atti fil-mori tal-kawża sostnew li kienu disposti jħallu lir-rikorrent sabiex jitla' jwaħħal is-servizzi inkwistjoni, sfortunatament iżda jirriżulta li dan għamluh wara li nfetħet il-kawża fil-konfront tagħhom għalhekk dan m'għandux iservi sabiex l-intimati ma jbatux l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.»*

8. B'rikors tal-appell imressaq fit-28 ta' Diċembru, 2023, l-attur Christopher Sciberras talab għar-riforma ta' din is-sentenza fuq is-saħħa ta' żewġ aggravji fejn ilmenta: (i) li l-Ewwel Qorti naqset milli tipprovdilu rimedju xieraq dwar l-aċċess li huwa kellu għal fuq il-bejt tal-korp ta' bini fejn jinsab l-appartament tiegħu permezz ta' taraġ intern, qabel ma dan twaqqa' arbitrarjament mill-konvenuti; u (ii) li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja fil-konklużjoni tagħha li t-tankijiet tal-ilma li l-attur kellu fuq il-bejt ma nqalgħux u ma twaqqgħux minn posthom mill-konvenuti, u għalhekk fil-fehma tiegħu l-ispejjeż marbuta mal-installazzjoni mill-ġdid tat-tankijiet għandhom iġorruhom il-konvenuti.

9. Il-konvenuti Joshua Cilia, Matthew Cilia u Stephanie Schembri wieġbu għall-appell tal-attur fis-17 ta' Frar, 2025 u hemm taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn jemmnu li dan l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu l-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatux rimedju xieraq dwar l-aċċess għall-bejt li huwa kellu mit-taraġ intern tal-binja fejn hemm l-appartament tiegħu qabel dan twaqqa' arbitrarjament mill-konvenuti. Isostni li għalkemm l-Ewwel Qorti għarfet li huwa kien juża dan it-taraġ sabiex jitla' fuq il-bejt kull meta huwa kien ikollu bżonn li jwettaq manutenzjoni fuq is-servizzi li jinsabu fuqu, hija naqset milli tordna lill-konvenuti biex jerġgħu jibnu dan it-taraġ mill-ġdid. Huwa jgħid li kemm hu hekk, fil-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti pprovdiet dwar ir-rimedji li għandhom jingħataw lilu bħala konsegwenza għall-ilqugħ tat-talbiet tiegħu, l-Ewwel Qorti bħal donnha nesiet issemmi t-tkissir tat-taraġ bħala wieħed minn dawk l-atti spoljattivi li twettqu mill-konvenuti u semmiet biss it-tankijiet tal-ilma, is-servizz tat-televixin u l-kumpressur tal-arja kundizzjonata.

12. L-attur jisħaq li l-aċċess tiegħu għal fuq il-bejt permezz ta' dan it-taraġ kienet tilwima ewlenija f'din il-kawża u li huwa rnexxielu jipprova l-

modalità ta' dan l-aċċess b'diversi modi, fosthom permezz tax-xhieda tiegħu, tar-ritratti li ppreżenta u kif ukoll permezz tar-rapport tal-Perit Godwin Abela. Jissokta jargumenta li għalkemm l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenuti jagħtuh aċċess għall-bejt kull meta huwa jkollu bżonn, hija naqset milli tipprovdi dwar kif għandu jingħata dan l-aċċess. Itenni jgħid li biex jiġi spurgat b'mod reali u effettiv l-ispoll li twettaq kontrih, l-Ewwel Qorti kellha tordna lill-konvenuti li jibnu mill-ġdid it-taraġ li waqqgħu u jagħtuh aċċess minnu, u mhux tagħtihom l-għażla dwar kif għandhom jipprovdulu dan l-aċċess. Jilmenta li b'dan il-mod l-Ewwel Qorti ippremjat lill-konvenuti, li f'dan il-każ ħadu l-liġi b'idejhom.

13. Din il-Qorti tibda billi tfakkar li azzjoni ta' spoll hija maħsuba biex tkun waħda mgħaġġla u effettiva bil-għan li ma tħalli lil ħadd ifixkel stat ta' fatt b'mod arbitrarju u li ġġiegħel lill-konvenut jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma xekkilha (ara ***Mariano Farrugia et nomine v. Peter Paul Cutajar et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ottubru, 1998, ***Edwin Zarb et v. Gilbert Vassallo et*** deċiża fit-2 ta' Ġunju, 2015 u ***Nicholas Galea v. Emanuel Mizzi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru, 2024).

14. Fejn imbagħad l-għemil spoljattiv ikun jikkonsisti f'xogħlijiet li jbiddlu x-xeħta tal-post fejn saru, huwa aċċettat li r-rimedju reintegrattiv li tista' tagħti l-Qorti jkun wieħed li jqarreb kemm jista' jkun lejn il-qagħda

li kien hemm qabel ma twettaq l-att spoljattiv (ara ***Estelle Azzopardi Vella et v. Michael Muscat*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Lulju, 2007 u ***Constantino Abela et v. Charles Mercieca et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu, 2010).

15. Issa fil-każ tagħna, minn qari tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, wieħed jifhem li l-att spoljattiv imwettaq mill-konvenuti ma kienx it-tkissir u t-twaqqigħ tat-taraġ li jagħti għal fuq il-bejt tal-binja fejn jinsab l-appartament tal-attur iżda sewwasew il-fatt li huma ċaħħdulu l-aċċess għall-bejt biex ikun jista' jerġa' jwaħħal numru ta' servizzi, fosthom it-tankijiet tal-ilma, il-wajer tat-televixin u l-wajer tal-kumpressur tal-arja kundizzjonata. Huwa minnu li fil-parti dispożittiva tas-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba tal-attur u ddikjarat li l-konvenuti wettqu spoll vjolenti u klandestin meta ċaħħdulu, xekklulu u naqqsulu il-pussess u t-tgawdija tad-dritt ta' aċċess li għandu għal fuq il-bejt tal-korp ta' bini fejn jinsab l-appartament tiegħu. Madankollu, huwa ovvju li b'din id-dikjarazzjoni l-Ewwel Qorti ma riditx tfisser li l-attur kellu l-pussess tat-taraġ li jagħti għal fuq il-bejt. Mod ieħor, minn qari ta' paġni 41 sa 44 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, jidher ċar li l-Ewwel Qorti riedet tfisser li l-attur kien jinsab biss fil-pussess tal-jedd li jitla' fuq il-bejt tal-binja sabiex iwaħħal is-servizzi jew iwettaq manutenzjoni fuq is-servizzi li huwa għandu fuq il-bejt.

16. Din il-Qorti taqbel bis-sħiħ mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti. Tassew, wara li fliet bir-reqqa l-provi, din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-attur kellu aċċess ħieles għall-bejt tal-binja permezz tat-taraġ inkwistjoni. Kemm hu hekk, kien l-attur stess li fir-rapporti magħmula minnu lill-Pulizija Eżekuttiva fl-11 ta' Marzu, 2019 u fit-28 ta' April, 2019, stqarr li huwa m'għandux aċċess għall-bejt jekk mhux bil-permess tas-sidien tal-appartament ta' fuqu iżda għandu l-jedd li jitla' fuq il-bejt sabiex jirranġa s-servizzi li huwa għandu fuqu.

17. Terġa' u tgħid, għalkemm xi minn daqqiet l-attur ipprova jagħti l-impressjoni li t-taraġ li twaqqa' mill-konvenuti kien aċċessibbli mill-komun tal-binja, ħu l-attur, Kevin Sciberras, li lura fiż-żmien kien is-sid tal-appartament li jinsab fuq dak tal-attur qabel biegħu lill-konvenuti, xehed li t-taraġ tal-komun kien iwassal biss sal-bieb ta' barra tal-appartament li qabel kien tiegħu u li l-attur seta' biss juża' t-taraġ li jwassal għall-bejt billi jgħaddi minn ġewwa l-appartament li llum huwa tal-konvenuti.

18. Dan kollu juri li l-attur qatt ma kellu l-pussess ħieles ta' dan it-taraġ li jagħti għall-bejt iżda kellu biss il-jedd inkorporali li jingħata aċċess għall-bejt mis-sidien tal-appartament li jinsab direttament fuq tiegħu biex iwaħħal is-servizzi fuq il-bejt u jwettaq il-manutenzjoni fuqhom. Il-jedd tal-attur mhuwiex marbut esklussivament mat-taraġ li

twaqqa' mill-konvenuti. Mod ieħor, id-dritt tal-attur idur kollu kemm hu mal-aċċess għall-bejt għall-għanijiet ta' twaħħil u manutenzjoni ta' servizzi. Għalhekk, bil-maqlub ta' dak li jisħaq l-attur, il-modalità tal-aċċess għall-bejt mhijiex daqstant rilevanti sakemm huwa jingħata aċċess b'tali mod li huwa jkun jista' jilħaq l-għanijiet fuq imsemmija.

19. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-attur fejn jgħid li r-rimedju mogħti lilu mill-Ewwel Qorti mhuwiex wieħed xieraq u effettiv. Il-fatt waħdu li llum it-taraġ li minnu l-attur kien jitla' għal fuq il-bejt m'għadux jeżisti ma jfissirx li ma hemmx modi oħra dwar kif jista' jingħata aċċess għall-bejt. Kemm hu hekk, din il-Qorti fehmet li llum il-ġurnata hemm fetħa fis-saqaf tal-komun tal-binja, bil-ħsieb li eventwalment isir bukkaport (*hatch*) li jagħti direttament għal fuq il-bejt tiegħu. Hu x'inhu l-każ, il-Qorti temmen li l-ordnijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti bħala rimedju għall-ispoll li twettaq mill-konvenuti, jiġifieri fejn din ordnat lill-konvenuti jagħtu lill-attur aċċess għall-bejt, kemm biex iwaħħal is-servizzi u kif ukoll biex iwettaq il-manutenzjoni fuqhom kull meta jkun meħtieġ, huma l-aktar prattiċi fiċ-ċirkostanzi u jqiegħdu lill-attur lura fil-qagħda li kien fiha qabel twettaq l-ispoll. Wara kollox, ir-rimedji mogħtija mill-Qorti f'din il-kawża ta' natura possessorja huma bla ħsara għar-rimedji li l-attur jista' jingħata f'kawża ta' natura petitorja, fosthom il-bini mill-ġdid tat-taraġ, jekk kemm-il darba huwa jidhirlu li huwa s-sid jew wieħed mis-sidien tat-taraġ li twaqqa' mill-konvenuti.

20. Għalhekk, dan l-aggravju qiegħed jiġi mwarrab.

21. Dan iġibna għat-**<u>tieni aggravju</u>**. F'dan l-aggravju tiegħu l-attur jisħaq li t-tankijiet tal-ilma ma waqgħux minn fuq il-bejt minħabba xi raġuni misterjuża. Jisħaq li minn għarbiel mirqum tal-provi wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li dawn twaqqgħu mill-konvenuti biex ipattuhielu talli kien talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontrihom sabiex iwaqqafhom milli jkomplu jibnu fuq il-binja fejn huwa jgħix. Huwa jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħet u ma messha qatt siltet konklużjoni mill-fatt li huwa naqas milli jippreżenta l-filmati tas-CCTV li ttieħdu fil-lejl li waqgħu t-tankijiet. Itenni li l-eżistenza ta' dawn il-filmati hija biss assunzjoni u li l-allegazzjonijiet tiegħu ma jixxejnux bil-fatt biss li dawn il-filmati ma ġewx ippreżentati fl-atti tal-kawża.

22. Jissokta jargumenta li bl-istess mod, l-Ewwel Qorti ma kellha tagħti ebda piż lill-fatt li l-mandat ta' inibizzjoni li huwa ressaq kontra l-konvenuti, ma kienx ġie deċiż fl-istess jum li fih seħħ l-inċident għaliex it-tankijiet twaqqgħu sewwasew fil-jum li nstema' l-mandat, meta l-konvenuti kienu rrabjati għalih minħabba li l-iżvilupp li kellhom f'moħħhom kien qiegħed jiġi mhedded. Hekk ukoll, l-attur isostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konklużjoni tagħha li t-tankijiet setgħu nqalbu bir-riħ għaliex dawn it-tankijiet kien ilhom fuq il-bejt minn fejn

waqgħu għal madwar għoxrin sena u kienu mimlijin bl-ilma għax kienu jservu biex jfornu l-ilma lill-appartament tiegħu. Jgħid li b'żieda ma' dan, skont ir-rappreżentant tal-Uffiċċju Meteoroliġiku, dakinhar li waqgħu t-tankijiet ma kienx għamel xi riħ straordinarju. Tant hu hekk, li ftit tal-ġimgħat qabel seħħ l-inċident, kienet għamlet grigalata ta' forza 8, iżda t-tankijiet ma nqalgħux minn posthom f'dik il-ġurnata. Jagħlaq billi jirrimarka li wara kollox, it-tank tal-konvenuti ma waqax minn postu dakinhar tal-inċident.

23. Fid-dawl ta' dan kollu, l-attur jisħaq li t-tankijiet tal-ilma nqalgħu u ntefgħu għal isfel minn fuq il-bejt mill-konvenuti biex ipattuhielu, u għalhekk huma l-konvenuti u mhux hu, li għandhom jagħmlu tajjeb għall-installazzjoni mill-ġdid tagħhom.

24. Dan l-aggravju tal-attur huwa marbut mal-għarbiel tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti. Issa huwa magħruf li l-grad ta' prova mitlub fil-qasam ċivili huwa dak li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant u dan sal-grad tal-bilanċ ta' probabbiltajiet (ara ***Emanuel Cordina v. Paul Vella*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

25. Dak li jħoll u jorbot kollox mhuwiex għalhekk jekk il-ġudikant jemminx b'mod assolut l-ispjegazzjonijiet mogħtija lilu, imma jekk huwa jqisx dawk l-istess spjegazzjonijiet bħala verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-

ħajja ta’ kuljum (ara ***Joseph Zammit v. Joseph Bonello*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Marzu, 2015 u ***Cini (Tal-Mija) Ltd v. Dr Joseph Ellis LL.D.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-16 ta’ Mejju, 2008).

26. Dan kollu jfisser, li jekk fl-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi l-ġudikant iħoss u jemmen li l-każ ikun x’aktarx ġara kif tkun qiegħda tgħid il-parti attriċi, mela allura dan għandu jkun biżżejjed sabiex jiddeċiedi favur dik il-parti. Din il-verżjoni ma tistax però tkun xi waħda mistħajla jew inkella sempliċement possibbli. Kemm hu hekk, ingħad li d-domanda li għandu jagħmel il-ġudikant waqt l-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi m’għandhiex tkun *«jista’ jkun li ġara hekk?»* iżda *«x’aktarx u probabbilment hekk ġara?»* (ara f’dan is-sens ***Raymond Falzon v. Alfred Agius*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta’ Frar, 1991 u ***Carmen Azzopardi v. Adrian Muscat et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta’ Novembru, 2024).

27. B’żieda ma’ dan, kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, fil-kawżi ċivili, il-verżjonijiet kunfliġġenti m’għandhomx però jwasslu awtomatikament għat-tħaddim tal-prinċipju ta’ *actore non probante reus absolvitur* jew inkella dak ta’ *in dubio pro reo* (ara ***Stephen Tanti et v. Louis Scerri Montaldo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Ottubru, 2020). Mod ieħor, huwa miżmum li huwa sewwasew xogħol il-Qorti li

tqis liema waħda fost il-verżjonijiet mogħtija lilha tkun l-aktar waħda li titwemmen u tista' toqgħod fuqha (ara ***Antoine Xerri et v. Bartolomeo sive Robbie Debono et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April, 2024). Huwa għalhekk aċċettat li fl-eżerċizzju tal-għarbiel tal-provi, il-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex, mill-provi miġbura waqt is-smigħ tal-kawża, iqis liema minn dawk l-provi jkunu l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konvinċiment ħieles tiegħu (ara ***Joginder Singh Dhingsa v. Anthony Grech et*** deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2023). Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' xi wħud u jwarrab oħrajn, jew fi kliem ieħor isejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli fuq oħrajn (ara ***F (Advertising) Limited v. Joseph Borg*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

28. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, din il-Qorti jkollha tistqarr li huwa x'aktarx suspettuż li b'kumbinazzjoni t-tankijiet tal-ilma waqgħu minn fuq il-bejt dakinhar li nstema' l-mandat ta' inibizzjoni li ntalab il-ħruġ tiegħu mill-attur kontra l-konvenuti. Il-fatt li matul l-istess lejl waqgħu biss it-tankijiet tal-attur hija ċirkostanza li wkoll tqanqal xi ftit ta' suspett fuq il-konvenuti.

29. Madankollu, din il-Qorti jidhrilha li dawn is-suspetti ma kinux biżżejjed biex l-attur jegħleb il-piż tal-prova li kellu fuqu u juri, li fuq il-

bilanċ tal-probabbiltajiet, it-tankijiet kienu tassew twaddbu mill-konvenuti minn fuq il-bejt għal isfel. Fl-ewwel lok, il-konvenuti ma kinux jgħixu fl-istess binja mal-attur meta seħħ l-inċident u ma ntweriex li l-konvenuti kienu preżenti fl-istess binja fil-ħin li seħħ l-inċident. Għalkemm l-attur saħaq li sema' l-passi u l-ġiri fuq il-bejt qabel it-tankijiet waqgħu għal isfel, ix-xhieda tiegħu ġiet imxejna għalkollox minn martu Sonia Sciberras li stqarret waqt il-kontroeżami tagħha li hija la semgħet u lanqas setgħet tisma' l-passi fuq l-bejt għaliex dan jinsab żewġ sulari 'l fuq mill-appartament tagħhom.

30. Fl-istess waqt, għalkemm l-attur jisħaq li t-tankijiet twaddbu għal isfel mill-konvenuti, huwa daqstant ieħor suspettuż kif l-attur ma ħassx li kellu bżonn jiċċekkja l-filmati tas-CCTV sabiex jivverifika jekk il-konvenuti kinux daħlu fil-binja matul l-istess lejl li seħħ l-inċident. Tabilħaqq, din il-Qorti tħoss li kien nuqqas kbir min-naħa tal-attur li ma vverifikax ma' dawn il-filmati, meta kienu sewwasew dawn il-filmati li setgħu jiftgħu dawl dwar min kien preżenti fil-binja dakinhar tal-inċident.

31. Hekk ukoll, ma ntweriex li l-konvenuti kienu qabbdu lil xi ħadd sabiex jaqla' t-tankijiet minn posthom u jwaddabhom għal isfel. Għalkemm hemm qbil li dakinhar tal-inċident l-appartament tal-konvenuti kien mikri lil terzi, l-attur baqa' ma ħarrikx lil dawn it-terzi biex jixhdu u jagħtu l-verżjoni tagħhom dwar x'ġara eżatt matul dak il-lejl.

Għalhekk l-attur ma jistax jipponta subgħajh, la lejn il-konvenuti u lanqas lejn l-inkwilini li kien jgħixu miegħu fl-istess binja. Fuq kollox, jidher li tank minnhom inzerta waqa' għal fuq il-proprjetà tal-konvenuti stess – fatt ieħor li jxaqleb favur it-teżi tal-konvenuti li ma kinux huma li waddbu t-tankijiet għal isfel għaliex ma tantx jagħmel sens li huma jitfgħu t-tank għal ġo ħwejjiġhom.

32. B'żieda ma' dan, għalkemm l-attur jisħaq li matul dak il-lejl ma kienx għamel riħ qawwi biżżejjed biex jaqleb it-tankijiet għal isfel, ir-rappreżentant tal-Uffiċċju Meteoroloġiku xehed li f'dak il-lejl ir-riħ laħħaq ma' forza 7. Kemm hu hekk, il-pulizija li mar fuq il-post, Christian Gauci, fl-istess jum li waqgħu t-tankijiet, xehed li huwa kellu struzzjonijiet mingħand is-surġent biex ma jitlax fuq il-bejt għaliex il-maltemp u r-riħ kienu qegħdin joħolqu sitwazzjoni ta' periklu.

33. Għalhekk, jgħid xi jgħid l-attur, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, hija tal-fehma, li l-attur ma rnexxilux juri li t-tankijiet nqalbu għal isfel mill-konvenuti. Mod ieħor, il-provi li tressqu fl-atti tal-kawża aktar jindikaw li t-tankijiet waqgħu għal isfel minħabba raġunijiet oħra.

34. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, dan l-aggravju tal-attur qiegħed jiġi miċħud ukoll.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-attur Christopher Sciberras u tikkonferma f'kollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da